MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Numru 810/2006

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Zammit ta’ 28 sena bin Anthony u Maria Dolores nee Bugeja mwieled ġewwa Slieam nhar l-10 ta’ Settembru, 1979 detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 431378 (M) u residenti ġewwa Block A2 Flat 1 Triq il-Porzinkola, Qawra.

Akkużat talli

1. F’San Ġiljan nhar id-29 ta’ Marzu 2006 għall-ħabta tal-ħadax ta’ filgħodu, bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe’ ta’ serq minn ġewwa l-vettura bin-numru KYA 711 għad-dannu ta’ Brian Stafrace wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu u liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż il-mitt lira Maltija (Lm100) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejeġ

ħadd ieħor, mobbli jew immobbli u cioe' għamel ħsara fil-karozza a' Brian Stafrace, liema ħsar hija dik ta' aktar minn Lm50 (ħmasin lira Maltija) għad-dannu ta' l-istess Brian Stafrace.

3. U fl-aħħarnett bili sar reċidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' la-rtikoli 7 u 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien misjub ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

Rat l-atti kollha tal-process inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex il-proċeduri jkunu sommarji, il-kunsens ta' l-imputat biex il-proċeduri jkunu sommarji kif mogħti fil-31 t'Ottubru, 2007, u t-tweġiba ta' l-imputat li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni huwa ikkonferma wara li ngħata ħin xieraq sabiex jirrifletti fuqha u wara li l-Qorti spjegatlu x'inhuma l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.

Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn kienu ppruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 41(1)(a), 49,50, 261(b)(f)(c)(g), 263,267, 270, 271(g), 278(3), 325(b) tal-Kap 9 u l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni u bl-applikazzjoni ta' l-artikoli 17(b) tal-Kap 9  għat-tielet imputazzjoni safejn din tirrigwarda ksur ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti għalhekk, wara li qieset l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' għaxar (10) xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------